**A.L. 150 tal-2021**

## ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

### Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar ta' Skart (Vetturi fi Tmiem Żmienhom)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar ta' Skart (Vetturi fi Tmiem Żmienhom) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Immaniġġar ta' Skart (Vetturi fi Tmiem Żmienhom), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 549. 36.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Ir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (3) tiegħu, il-kliem "u mid-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni 2020/363/UE tas-17 ta' Diċembru 2019" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem ", mid-Direttiva (UE) 2018/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 u mid-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni 2020/363/UE tas-17 ta' Diċembru 2019"; u

(b) minnufih wara s-subregolament (4) tiegħu għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(5) Dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2021 dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur.". A.L. 151 tal-2021.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Is-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "Ftehim" għandha tiġi mħassra;

(b) it-tifsira "produttur" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "produttur" tfisser il-manifattur tal-vettura jew l-importatur professjonist tal-vettura f'Malta;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "riċiklaġġ" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "rimi" għandu jkollha l-istess tifsira kif L.S. 549. 63. mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar l-Iskart;";

(d) minnufih wara t-tifsira "rimi" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "rkupru" għandu jkollha l-istess tifsira kif L.S. 549. 63. mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar l-Iskart;";

(e) it-tifsira "skart" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "skart" għandu jkollha l-istess tifsira kif L.S. 549. 63. mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar l-Iskart;";

(f) it-tifsira "użu mill-ġdid" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "użu mill-ġdid" tfisser kull operazzjoni li biha komponenti ta' vetturi fi tmiem żmienhom jintużaw għall-istess skop li għalih kienu maħsuba;";

(g) it-tifsira "vettura" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "vettura" tfisser vettura determinata bħala kategorija M1 jew N1 kif imfissra fit-Taqsima A L.S. 427. 23. tal-Iskeda II li tinsab mar-Regolamenti dwar Approvazzjoni tat-Tip KE ta' Vetturi bil-Mutur u l-Karrelli tagħhom, u vetturi bi tliet roti kif L.S. 427. 43. imfissra fir-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni u s-Sorveljanza tas-Suq ta' Vetturi b'żewġ jew tliet roti u Kwadriċikli, iżda esklużi triċikletti;"; u

(h) it-tifsira "vettura fi tmiem żmienha" għandha tiġi sostitwita bit-tifisra ġdida li ġejja:

" "vettura fi tmiem żmienha" tfisser vettura li tkun skart konformament mat-tifsira fir-regolament L.S. 549. 63. 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart;".

**4.** Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fil-paragrafu (b) tas-subregolament (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "faċilitajiet ta' ġbir" għandhom jiżdiedu l-kliem "ġewwa Malta"; u

(b) is-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(5) L-awtorità kompetenti għandha tirrikonoxxi u taċċetta ċ-ċertifikati ta' distruzzjoni maħruġa minn faċilitajiet ta' trattament awtorizzati stabbiliti fi Stati Membri oħra, dment li tali ċertifikat ikun inħareġ legalment skont is-sistema nazzjonali stabbilita f'dak l-Istat Membru sabiex timplimenta l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2000/53/KE, kif emendata.".

**5.** Fis-subregolament (1) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-Iskart" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-ġerarkija dwar l-iskart u l-ħtiġiet ġenerali stabbiliti fir-regolament 4A tar-Regolamenti dwar l-Iskart".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.